MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-21 ta' Mejju, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 539/2019/1 LM

**Jonathan Buttigieg (ID 481769M)**
**u martu Domenica Buttigieg (ID 305968M)**

***vs.***

**Il-Bord tal-Ippjanar**[1]

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Jonathan Buttigieg** (K.I. 481769M) u martu **Domenica Buttigieg** (K.I. 305968M) li ġie ppreżentat fl-24 ta' April, 2019 li jgħid:

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-30 ta' April, 2019.

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli jikkunsidra u jieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-applikazzjoni PA 3387/14 f'isem Paul Abela sakemm jiġi finalment deċiż l-appell interpost minnhom quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) illum stess wara d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 t'April, 2019 u jintalab illi dan il-mandat jiġi milqugħ provviżorjament billi ġie appuntat sabiex jiġi deċiż għada 25 ta' April, 2019 fis-1:00pm mill-intimat;*

*Illi r-rikorrenti huma 'registered objectors' fir-rigward tal-applikazzjoni PA3387/14 intavolata quddiem l-Awtorità intimata;*

*Illi wara l-approvazzjoni tal-permess PA3387/14 da parti tal-Bord tal-Ippjanar fil-11 ta' Jannar, 2018, huma ntavolaw appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell ġie deċiż in forza ta' sentenza preliminari mogħtija fl-4 ta' April, 2019 fejn, fost l-oħrajn, ġiet annullata d-deċiżjoni tal-Bord tal-11 ta' Jannar, 2018 li in forza tiegħu ġie approvat dan il-permess u konsegwentement ġie mħassar il-permess li nħareġ;*

*Illi oltre dan u in forza tal-istess sentenza, it-Tribunal irrimetta l-atti quddiem il-Bord tal-Ippjanar fejn il-proċess tqiegħed fl-istadju ta' qabel ma ttieħed il-vot finali;*

*Illi minkejja illi kien għadu għaddej it-terminu sabiex jiġi interpost appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal kif ipprovdut a tenur tal-Att V tal-2016, il-Bord tal-Ippjanar avża lir-rikorrenti fit-18 ta' April, 2019 illi l-applikazzjoni PA 3387/14 kienet ser tiġi deċiża waqt il-laqgħa tal-25 ta' April, 2019 u ċioe għada;*

*Illi kontestwalment mat-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti intavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-4 ta' April, 2019, kopja ta' liema appell qed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. 'A';*

*Illi għalhekk, qed issir it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kif ukoll sabiex dan il-mandat jiġi milqugħ provviżorjament;*

*Illi l-esponenti ser jiġu ppreġudikati jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat illi tal-**Bord tal-Ippjanar** (minn issa 'il quddiem "il-Bord intimat") ġie debitament notifikat bir-Rikors fl-24 ta' April, 2019.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' April, 2019, fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-Bord intimat ippreżentata fid-29 ta' April, 2019, li tgħid kif ġej:

*Illi qabel kollox jiġi ċċarat li ma jeżisti ebda Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar. Jeżisti biss il-Bord tal-Ippjanar li hu regolat bl-Artikolu 63 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan b'żieda mal-fatt illi skont l-Artikolu 6 tal-istess Liġi, ir-rappreżentanza ġuridika tal-Bord tal-Ippjanar hi vestita fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar li hi 'korp ġuridiku b'personalità ġuridika u distinta u tkun tista' … tħarrek u tiġi imħarrka, u tagħmel kull ħaġa u tidħol f'kull operazzjoni li jkunu inċidentali jew iwasslu għall-eżerċizzju jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.'*

*Illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għandha tiġi miċħuda, għar-raġunijiet li ser jingħadu.*

*Dan hu t-tieni tentattiv min-naħa tar-rikorrent Jonathan Buttigieg illi, b'rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jitlob lil dina l-Qorti biex twaqqaf lill-Awtorità tal-Ippjanar milli tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-iżvilupp bin-numru PA3387/14;*

*L-ewwel rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jiġifieri dak fl-ismijiet 'Jonathan Buttigieg vs l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar' (Rikors Numru 46/2016 AE) intavolat mill-istess Buttigieg nhar it-12 ta' Jannar, 2016, ġie deċiż b'mod definittiv minn dina l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) bil-mod kif ġej:-*

*"Fil-preżent hemm applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess ta' żvilupp sabiex tinbena pompa tal-petrol f'Salina Road li tkun tinkludi "… car wash area, ancillary Class 4B retail facilities and underlying garages."*

*Jirriżulta li r-rakkomandazzjoni lill-Bord hi sabiex tintlaqa' l-applikazzjoni ta' żvilupp. Ir-rikorrent, li qal li għandu r-residenza tiegħu viċin is-sit tal-proġett propost, qiegħed isostni li l-applikazzjoni għandha tiġi rifjutata għaliex l-iżvilupp imur kontra policy CG04 li jipprovdi:*

*"The settlements of Magħtab and Bidnija as indicated in Planning Control Maps NAB7 and MOD8 are designated as Category 2 Rural Settlements located within a wider rural area that should be conserved, consolidated and rehabilitated while protecting their rural character."*

*Fir-rapport tal-case officers jingħad li: "The LPU commented that the site in question is not considered to form part of the Magħtab 2 Rural Settlement. Therefore, Central Malta Local Policy CG04 does not apply (minute 14 refers)." Mhuwiex magħruf x'tgħid minuta 14. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent għandu jkollu aċċess għal din il-minuta biex ikun jaf il-motivazzjoni wara din l-opinjoni. Irriżulta li r-rikorrent hu registered objector. Dan ifisser li kellu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, u ser ikun jista' jattendi għal-laqgħat tal-Bord u jitlob li jagħti l-kummenti tiegħu. M'hemmx dubju li fis-sottomissjonijiet li ppreżenta fl-Awtorità, ir-rikorrent diġà għamel il-punt tiegħu dwar il-policy CG04, li skont hu teskludi l-possibilità li jsir l-iżvilupp propost;*

*Filwaqt li hemm rapport tal-case officers li l-permess għandu jingħata, din hi biss rakkomandazzjoni. Għalhekk il-Bord li ser jiddeċiedi mhuwiex marbut b'dik ir-rakkomandazzjoni.*

*Hi l-Awtorità li bil-liġi trid tiddeċiedi applikazzjoni għal permess ta' żvilupp. Ir-rikorrent talab li l-Awtorità tiġi inibita milli tkompli tikkunsidra l-applikazzjoni qabel "… ma jiġi kkunsidrat il-policy CG04 tal-Pjan Lokali …". Hu veru li fir-rapport tal-case officers jingħad li policy CG04 ma tapplikax għall-applikazzjoni in kwistjoni. Però b'daqshekk ma jfissirx li l-Bord mhux ser jikkunsidra l-policy CG04 meta ser jiddeċiedi fuq l-applikazzjoni. Ir-rikorrent hu objector u l-Qorti tistenna li quddiem il-Bord ser jingħata l-opportunità, kif għandu jkun, li jressaq l-argumenti tiegħu għalfejn il-policy tapplika għas-sit fejn l-applikant irid jibni petrol station. Bl-Artikolu 69 l-Awtorità għandha d-dmir li fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni għall-permess, tapplika l-policies.*

*F'kull każ, fl-eventwalità li r-rikorrent ma jaqbilx mad-deċiżjoni li għad trid tittieħed mill-Awtorità xorta ser jibqalu rimedju li jappella fuq il-meritu tad-deċiżjoni li se*

*tittieħed. Għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti mhijiex konvinta li jeżistu l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li m'hemmx l-elementi meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti. Għaldaqstant tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

*Għal kull buon fini tiddikjara li d-digriet tat-13 ta' Jannar, 2016 m'għadux jgħodd. Huwa minnu li fil-mandat ta' llum Jonathan Buttigieg, flimkien ma' martu, qed isejsu t-talba tagħhom lill-Qorti biex iżżomm l-Awtorità milli tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-iżvilupp bin-numru PA 3387/14, fuq raġunijiet differenti minn dawk li sawru t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 46/2016 AE (imsemmi hawn fuq) – fil-mandat odjern qed jitolbu li l-Bord tal-Ippjanar jitwaqqaf mili jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni sakemm il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tippronunzja ruħha dwar l-appell minnhom (ir-rikorrenti Buttigieg) interpost kontra d-deċiżjoni li ta t-Tribunal b'rabta mal-proċedura li kellha tiġi adottata mill-Bord tal-Ippjanar fid-determinazzjoni tal-istess applikazzjoni. Biss dan il-fatt waħdu hu suffiċjenti biex jitqies li ntlaħaq il-vot tal-Liġi li jrid jiġi sodisfatt għall-akkoljiment ta' mandat ta' din ix-xorta? Ma jidhirx li dan hu l-każ, għaliex kif qalet dina l-Onorabbli Qorti fid-digriet suċitat, anke fl-ipoteżi li l-Bord tal-Ippjanar jissokta bis-smigħ ta' din l-applikazzjoni; jimxi mal-proċedura li ġie ordnat jadotta mit-Tribunal (u li qed tiġi kontestata bl-appell intavolat mir-rikorrenti); u finalment jasal biex japprova l-applikazzjoni PA3387/14, ir-rikorrenti jifdlilhom xorta waħda r-rimedju li jappellaw "id-deċiżjoni li ser tittieħed. Għalhekk f'dan l-istadju (ma jeżistux) l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni."*

*Illi għaldaqstant it-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' April, 2019 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti li permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni żżomm lill-Bord intimat milli jikkunsidra u jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 3387/14 sottomessa minn terz li mhuwiex involut f'dawn il-proċeduri, u dan sakemm ikun finalment deċiż l-appell interpost minnhom mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-4 ta' April, 2019. Ir-rikorrenti oġġezzjonaw għall-iżvilupp propost mit-terz li qiegħed jipproponi li jibni pompa tal-petrol b'servizzi anċillari fi Triq is-Salina, minħabba li skont huma, dan l-iżvilupp imur kontra l-*policies* tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-inħawi. Bid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ġiet annullata d-deċiżjoni oriġinali tal-Bord tal-Ippjanar, u kien għalhekk li t-Tribunal irrimetta l-atti lura lill-Bord sabiex ikun jista' jieħu il-vot u d-deċiżjoni finali, u konsegwentement ġie mħassar il-permess li nħareġ. In forza tal-istess deċiżjoni, it-Tribunal irrimetta l-atti quddiem il-Bord tal-Ippjanar fejn il-proċess tqiegħed fl-istadju ta' qabel ma ttieħed il-vot finali.

Madanakollu waqt li kien għadu għaddej it-terminu tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Bord avża lir-rikorrenti li l-applikazzjoni inkwistjoni kienet ser tiġi deċiża fil-25 ta' April, 2019, u dan meta r-rikorrenti ressqu appell mid-

deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk permezz tar-Rikors odjern qegħdin jitolbu li ma tingħatax deċiżjoni finali mill-Bord tal-Ippjanar qabel ma jinstema' u jiġi deċiż l-appell tagħhom quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

Il-Bord intimat min-naħa tiegħu wieġeb li dan huwa t-tieni tentattiv li qiegħed isir mir-rikorrenti sabiex iwaqqfu l-għoti tad-deċiżjoni finali fir-rigward tal-imsemmija applikazzjoni. Intqal ukoll li l-Bord tal-Ippjanar għandu d-dmir jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet li jkollu quddiemu fl-osservanza sħiħa tal-*policies* stabbiliti. Il-Bord intimat eċċepixxa li m'hemm l-ebda preġudizzju irrimedjabbli li jistgħu jsofru minnu r-rikorrenti f'każ li tingħata deċiżjoni finali mill-Bord tal-Ippjanar, u dan minħabba li huma jibqgħalhom dritt ta' appell mid-deċiżjoni finali tal-Bord.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tar-rikors tal-appell intavolat minnhom quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) wara d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April, 2019, li permezz tagħha ġiet annullata d-deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-11 ta' Jannar, 2018 u konsegwentement ġie mħassar il-permess li kien nħareġ u in forza tal-istess sentenza, it-Tribunal irrimetta l-atti quddiem il-Bord tal-Ippjanar fejn il-proċess tqiegħed fl-istadju ta' qabel ma ttieħed il-vot

finali.[2] Minkejja li r-rikorrenti essenzjalment qablu mad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-4 ta' April, 2019, huma ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni minħabba fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni li rrimettiet l-atti lura lill-Bord tal-Ippjanar li kienet tgħid li "b'dan illi issa l-partijiet kollha huma avżati korrettement bi dokumentazzjoni u rapport li huma aġġjornati", liema dikjarazzjoni r-rikorrenti iqisu li hija waħda gratuwita u li tikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, u l-ħarsien ta' wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali, *audi alteram partem,* billi r-rikorrenti jsostnu li tali dikjarazzjoni tassumi illi l-partijiet illum ġew mgħarrfa kemm bid-dokumentazzjoni kif ukoll bir-rapporti aġġjornati, meta assolutament mhuwiex il-każ.[3]

Ġiet esebita wkoll kopja tad-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-4 ta' April, 2019, fl-ismijiet **Jonathan u Domenica konjugi Buttigieg *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Paul Abela**.[4]

**Konsiderazzjonijiet legali**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm

[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti ossija r-rikorrenti odjerni jikkontendu li l-appellat tħalla jippreżenta dokumenti quddiem il-Bord tal-Ippjanar proprju waqt il-laqgħa tal-11 ta' Jannar, 2018, ftit qabel ittieħdet id-deċiżjoni, liema dokumenti l-appellanti qatt ma rawhom u lanqas qatt ma ngħataw l-opportunità illi jivverifikaw l-awtenticità tagħhom jew li jittentaw jikkontrollaw il-prova li ried jagħmel bihom l-applikant.
[4] *A fol.* 12 tal-proċess.

persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> “873. (2) Il-qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.”

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, ’l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[5]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta’ preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed “li ma jkunx jista’ jiġi rrimedjat”. Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, imqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

---

[5] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech** ***pro et noe vs. Stephanie*** **Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited** ***vs.*** **L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[6]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[7]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun

---

[6] P.A., 13.05.2014.

[7] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna, fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[8] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja,

[8] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[9];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li

---

[9] P.A., 25.01.2005.

tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[10]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[11]

Element ieħor li jrid jiġi sodisfatt f'każijiet fejn il-mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika, huwa li l-awtorità trid tikkonferma fil-Qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qiegħda tintalab li tiġi miżmuma bil-mandat, fil-fatt ikun hemm il-ħsieb li ssir. Fil-każ odjern jirriżulta li kieku ma kienx għall-fatt li dan il-Mandat ġie milqugħ provviżorjament, il-Bord tal-Ippjanar kien ser jipproċedi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 3387/14.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tat-talba tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jittentaw iwaqqfu lill-Bord intimat milli jikkunsidra u milli jieħu kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni għall-iżvilupp bir-referenza

---

[10] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[11] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

PA 3387/14, liema applikazzjoni saret minn Paul Abela għal żvilupp ta’ pompa tal-petrol fi Triq is-Salini, u liema żvilupp ir-rikorrenti jikkontendu li ma jistax isir f’dawk l-inħawi għax dan imur kontra l-*policies* tal-Awtorità tal-Ippjanar li jirregolaw x’tip ta’ żvilupp jista’ jsir f’din iż-żona. It-Tribunal ta’ Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta deċiżjoni tiegħu fl-4 ta’ April, 2019 fejn annulla d-deċiżjoni oriġinali tal-Bord tal-Ippjanar u konsegwentement ġie mħassar il-permess li nħareġ u in forza tal-istess deċiżjoni, u t-Tribunal irrimetta l-atti quddiem il-Bord tal-Ippjanar fejn il-proċess tqiegħed fl-istadju ta’ qabel ma ttieħed il-vot finali. Fil-perijodu li fih setgħu jitressqu appelli mid-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Bord tal-Ippjanar informa lir-rikorrenti li l-applikazzjoni inkwistjoni kienet ser tiġi deċiża fil-25 ta’ April, 2019. Jirriżulta illi minkejja li t-Tribunal kien ħassar id-deċiżjoni oriġinali tal-Bord tal-Ippjanar fejn kien ġie approvat il-permess inkwistjoni, madanakollu r-rikorrenti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni li l-atti jiġu rimessi lura lill-Bord fejn ġie ddikjarat illi issa l-partijiet kollha huma avżati korrettement bid-dokumentazzjoni u rapport li huma aġġjornati, liema dikjarazzjoni r-rikorrenti iqisu li hija waħda gratuwita u li tikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, u l-ħarsien ta’ wieħed mill-prinċipji ta’ ġustizzja naturali, *audi alteram partem,* stante li jsostnu li tali dikjarazzjoni tassumi illi l-partijiet illum ġew mgħarrfa kemm bid-dokumentazzjoni kif ukoll bir-rapporti aġġjornati, meta assolutament mhuwiex il-każ. Permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-Bord tal-Ippjanar ma jikkunsidrax u ma jiddeċidix dwar l-applikazzjoni inkwistjoni, u dan sakemm ikun hemm eżitu finali għall-appell interpost minnhom quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Bord konvenut eċċepixxa li f’każ li dan il-mandat jiġi

miċħud u l-Bord tal-Ippjanar jipproċedi bl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu, ir-rikorrenti mhuma ser isofru l-ebda preġudizzju minħabba li huma jibqgħalhom dritt ta' appell mid-deċiżjoni li ser tittieħed, u għalhekk talab li dan il-mandat jiġi miċħud.

Illi jirriżulta li bħala *registered objectors* ir-rikorrenti kellhom kull dritt isewgu l-imsemmija applikazzjoni u joġġezzjonaw jew jappellaw fejn il-liġi tagħtihom dritt li jagħmlu dan, kif fil-fatt għamlu. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti għandhom id-dritt *prima facie* li ladarba oġġezzjonaw għad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, anki billi interponew appell minn dik id-deċiżjoni, l-appell tagħhom għandu jinstema' qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni nnifisha. Jirriżulta li l-Bord intimat, li ma kienx għall-fatt li ġew intavolati l-proċeduri odjerni, kien ser jipproċedi biex jagħti deċiżjoni finali dwar l-imsemmija applikazzjoni minkejja li kien ġie ppreżentat appell mir-rikorrenti, tant hu hekk l-applikazzjoni tpoġġiet fuq l-aġenda sabiex tiġi kkunsidrata fil-25 ta' April, 2019.

Il-Bord intimat jikkontendi li r-rikorrenti mhuma ser jiġu ppreġudikati bl-ebda mod stante li jekk id-deċiżjoni tal-Bord ma jaqblux magħha, huma xorta jkollhom id-dritt jappellaw minnha. Madanakollu l-Qorti mhijiex tal-istess fehma, anzi tqis li l-preġudizzju irrimedjabbli tar-rikorrenti jirriżulta peress illi jekk il-Bord intimat jitħalla jipproċedi bid-deċiżjoni finali tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni bir-referenza PA 3387/14, dan ser isir bi ksur ta' wieħed mill-aktar prinċipji fundamentali ta' ġustizzja naturali, dak tal-*audi alteram partem,* liema prinċipju għandu jiġi osservat f'kull stadju tal-proċeduri u mhux biss

f'każ li r-rikorrenti jappellaw mid-deċiżjoni finali tal-Bord intimat. Il-fatt li r-rikorrenti eżerċitaw id-dritt tagħhom li jappellaw mid-deċiżjoni tat-Tribunal, għandu jkun biżżejjed biex jipprekludi lill-Bord intimat milli jipproċedi bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni li ġiet rimessa quddiemu, pendenti l-eżitu tal-imsemmi appell, u dan sabiex il-jeddijiet tar-rikorrenti jibqgħu impreġudikati.

Il-Qorti tqis li r-rikorrenti għandhom *prima facie* d-dritt li qabel kull ħaġa oħra jinstema' u jiġi finalment deċiż l-appell li għandhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), tenut kont illi jekk il-Bord intimat jitħalla jikkunsidra u jiddeċidi l-imsemmija applikazzjoni, dan jista' jwassal għal preġudizzju irrimedjabbli għall-imsemmi dritt tar-rikorrenti. Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex l-Bord intimat jinżamm milli jikkunsidra u jieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-applikazzjoni PA 3387/14 qabel jiġi finalment deċiż l-appell interpost mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

## Decide

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u żżomm lill-Bord intimat milli jikkunsidra u jieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-applikazzjoni PA 3387/14, sakemm jiġi finalment deċiż l-appell interpost fil-24 ta' April, 2019 mill-istess rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April, 2019.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħallsu mill-Bord intimat.**

Mogħti kameralment fil-21 ta’ Mejju, 2019.